MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2015

Numru. 17/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Abdul Hamid Saeid**

**Kumpilazzjoni Nru: 17/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdul Hamid Saeid ta' 34 sena, bin Ahmed u Fatma , imwieled Tripli, Libya fl-04 ta' Marzu, 1980, minghajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' dokument t'identita' numru 16987/14.

Akkuzat talli f'Birzebbuga fil-lejl ta' bejn il-05 u s-06 ta' Jannar, 2015:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, ghad-dannu ta' Charles Micallef minn Birzebbugia kif ukoll;

2. Hebb kontra Charles Micallef sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputat bhala wiehed li sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malti) moghtija mill-Magt. Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. nhar l-04 ta' April 2014.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(f), 270 u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu kif ukoll il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(f), 270 u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------